13 ta' Frar, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President,*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Maria Concetta Chetcuti *versus* Nutar Dr. Vincenzo Gatt ne.

**Dota — Taxxa tas-Suċċessjonijiet u Donazzjonijiet — Mara — Illeġittimità tal-Persuna — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 1292, 1308, 1303 u 1304 tal-Kap. 23 — Art. 782(c) tal-Kap. 15**

*Id-dota tista' tkun tant awto-kostitwita kemm mogħtija minn ħadd ieħor. Fi kwalunkwe każ, meta fil-kitba taż-żwieġ jingħad espressament illi l-indikazzjoni tal-valur tad-dota ma għandux jimporta t-trasferiment tal-proprjetà tagħha fir-raġel, ir-raġel ikun biss amministratur u użufruttwarju tad-dota.*

*Għaldaqstant il-mara, billi l-amministrazzjoni tad-dota tkun f'idejn ir-raġel, ma tamministrax id-dota, u kwindi ma tistax tagħmel kawża dwar jeddijiet rigwardanti dik id-dota f'isimha, imma per mezz ta' żewġha bħala amministratur tal-beni dotali.*

*B'mod li jekk il-Kollettur tat-Taxxi Interni jippretendi illi d-dota li ħadet il-mara hija suġġetta għat-taxxa dwar is-suċċessjonijiet u d-donazzjonijiet, u hija tippretendi l-kuntrarju, l-azzjoni biex jiġi dikjarat li dik id-dota mhix suġġetta għal dik it-taxxa tmiss lir-raġel bħal amministratur tad-dota, u mhux lill-mara; u l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tal-mara li tagħmel kawża simili f'isimha tmiss mhux biss lir-raġel tagħha, imma anki lit-terzi, u għalhekk anki lill-Kollettur tat-Taxxi f'kawża simili.*

*Anzi jista' jiżdied illi, għalkemm din hija eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna, fil-fatt però tmur aktar l-hemm minn sempliċi eċċezzjoni proċedurali; in kwantu li, jekk l-azzjoni tmiss lir-raġel, u mhux lil-mara, fil-konfront ta' din hemm karenza ta' azzjoni — raġuni oħra tad-dritt tat-terz li joppone din l-eċċezzjoni.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi hija, bil-kuntratt publikat minn Nutar Victor Bisazza fit-18 ta' April 1947 (dok. A), ikkostitwiet favur tagħha nnifisha b'titolu ta' dota korredo nuzjali li hija għamlet bix-xogħol tagħha, tal-valur ta' £1422. 9s. 0., konsistenti f'oġġetti dettaljatament speċifikati fl-istess kuntratt; u illi l-konvenut, fil-kwalità tiegħu premessa, ippretenda li kienet saret a favur tagħha donazzjoni soġġetta għat-taxxa taħt il-Kapitlu 70 tal-Liġijjiet ta' Malta fl-ewwel ta' Ottubru 1946, u għamel "assessment ex officio" li fuqu bagħat kont ta' £46. 8. 9, oltre imgħaxijiet bit-tlieta fil-mija mill-imsemmija data ta' l-ewwel ta' Ottubru 1946, (dok. B); u bl-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Awissu 1953 (dok Ċ) il-konvenut allega illi l-att publikat minn Nutar Victor Bisazza fuq imsemmi (dok. A) kien jammonta għal donazzjoni — liema allegazzjoni ġiet miċħuda minnha bl-ittra uffiċjali tal-25 ta' Awissu 1953; u illi l-pretensjoni tal-konvenut hija infondata, billi ma saretx a favur tagħha ebda donazzjoni minn għand ħadd li hija soġġetta għat-taxxa, u l-flus

illi hija kellha kienu jidderivaw minn kumpens mogħti għax-xogħol tagħha u minn kawżi oħra mhux taxxabbli, kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża; u illi l-konvenut ta' l-permess neċessarju (dok. D) għalbiex isiru dawn il-proċeduri non ostante li għadha ma tħallsetx it-taxxa pretiża minnu; talbet illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti opportuni, il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi ma saret ebda donazzjoni a favur tagħha fid-data pretiża mill-konvenut ta' l-ewwel ta' Ottubru 1946, u illi l-att publikat minn Nutar Victor Bisazza tat-18 ta' April 1947 (dok. A) ma jimplikax l-ebda donazzjoni a favur tagħha, kuntrarjament għall-pretensjoni tal-konvenut; u konsegwentement illi hija ma għandhiex tħallas it-taxxa miġjuba fil-kont (dok B); u dan għar-raġunijiet fuq indikati. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Awissu 1953, kontra l-konvenut, li ġie nġunt biex jidher għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, li biha jeċċepixxi preliminarment, li l-azzjoni tirrigwarda l-beni dotali ta' l-attriċi, u għalhekk imissha saret minn Lorenzo Chetcuti, żewġha, peress illi r-raġel biss għandu matul iż-żwieġ l-amministrazzjoni tal-beni dotali (art. 1303, 1304 Kodiċi Ċivili); għalhekk huwa jissottometti illi għandu jiġi liberat "ab observantia". Fil-meritu, u mingħajr preġudizzju tal-premess, illi mill-fatti li rriżultaw quddiemu fl-indaġini li huwa għamel, deher ċar illi, xi żmien qabel l-att tal-konvenzjoni matrimonjali eżibit maċ-ċitazzjoni, l-attriċi kienet irċieviet parti konsiderevoli mis-somma ta' fuq li hija ġiebet in dota b'donazzjoni minn ħuha Carmelo Dougall, u, stante n-nuqqas ta' denunzja tal-istess donazzjoni skond il-liġi, huwa għadda biex illikwida t-taxxa tad-donazzjoni "ex officio" fl-ammont imsemmi fiċ-ċitazzjoni, salva l-penali. Għalhekk, fil-meritu, id-domandi għandhom jiġu respinti; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Mejju, 1955, li biha ddeċediet billi laqgħet l-eċċezzjoni preliminari fuq imsemmija, u hekk illiberat il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż; billi kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

Illi għar-riżoluzzjoni ta' dina l-eċċezzjoni għandha fl-ewwel lok issir indaġini dwar il-vera natura ġuridika tal-beni li fuqhom il-konvenut eżiġa t-taxxa, jiġifieri jekk l-istess beni humiex dotali kif jippretendi l-konvenut, jew parafernali kif tallega l-attriċi; għaliex fil-waqt illi normalment il-mara għandha d-dritt għat-treġija tal-beni parafernali (art. 1388 Kap. 23), ir-raġel biss għandu, matul iż-żwieġ, l-amministrazzjoni tal-beni dotali (art. 1303 Kap. 23);

Illi, b'liġi espressa, hu dotali dak kollu, fost ħwejjeġ oħra, li l-mara tagħti lir-raġel bil-kitba taż-żwieġ, jekk ma jkunx hemm dikjarazzjoni kuntrarja (art. 1292 (2) Kap. 23); u parafernali, jew estra-dotali, huma dawk il-beni kollha tal-mara li ma jkunux miġjuba b'dota (art. 1386 (1) Kap. 23). Fi kliem ieħor, dotali huma dawk il-beni li jikkostitwixxu d-dota, jew dak li l-mara, jew ħadd ieħor għaliha, tapporta espressament b'dan it-titolu lir-raġel biex issostni l-piżijiet taż-żwieġ; fil-waqt illi parafernali, jew estra-dotali, huma dawk il-beni kollha li ma humiex dotali u li huma barra l-komunjoni tal-akkwisti. L-istitut tal-beni parafernali hu ta' oriġini griega: "res quas extra dotem mulier habet, quas Graeci parapherna dicunt" (L.8, Cod. 5, 14). Dawn il-beni jissejħu parafernali, jew extra-dotali, għaliex kienet diskussa mill-ġurekonsulti taż-żmienijiet antiki u ssir minnhom distinzjoni bejn il-beni parafernali u l-beni extra-dotali; tal-ewwel kienu dawk appartenenti lill-mara qabel iż-żwieġ, u li hija kienet tapporta fiż-żwieġ minbarra dawk dotali; tat-tieni kienu dawk li kienu jgħaddu lill-mara matul iż-żwieġ b'donazzjoni jew suċċessjoni. Il-lum, bħal ma kien fid-Dritt Ruman, din id-distinzjoni ma għadhiex teżisti, u ż-żewġ vokaboli għandhom l-istess sinifikat; huma sinonimi;

Illi fil-każ taħt konsiderazzjoni, l-attriċi ma tikkontestax illi l-oġġetti u l-valuri li l-konvenut jallega li ġew lilha mogħtija b'donazzjoni qabel iż-żwieġ tagħha, u li fuqhom huwa eżiġa t-taxxa msemmija fiċ-ċitazzjoni, hija apportathom b'dota fl-istess żwieġ. Għalhekk, għalkemm jista' jkun veru illi, kif tgħid l-attriċi, id-debitu pretiż hu, se maj, tagħha personalment, fi żmien anterjuri għaż-żwieġ, jibqa' dejjem illi l-kwistjoni f'din il-kawża hi dik jekk fuq dawk

l-oġġetti u valuri hemmx lok jew le għat-taxxa tad-donazzjoni, kif jallega l-konvenut; liema oġġetti u valuri, ladarba ġew hekk apportati u kostitwiti b'titolu ta' dota, ma jistgħux ma jkunux ħlief dotali; u dan fit-termini ta' dak li ntqal aktar il-fuq;

Illi, stabbilit li dawk il-beni huma dotali, l-eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi milqugħa. Tabilħaqq, skond iddispożizzjoni ta' l-art. 782(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, mhijiex kapaċi biex toqgħod f'kawża, bħala attriċi jew bħala konvenuta, kull persuna li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża, ħlief fil-persuna ta' dak li skond il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni. Issa, la darba l-jeddijiet li fuqhom hi din il-kawża jirrigwardaw beni dotali, u fuq dawn il-beni l-attriċi ma għandhiex il-libera amministrazzjoni, għaliex, kif ġa ngħad, ir-raġel biss matul iż-żwieġ għandu l-amministrazzjoni ta' beni simili (art. 1303 Kap. 23), l-istess attriċi mhijiex persuna kapaċi biex tistitwixxi din il-kawża ħlief fil-persuna ta' żewġha;

Rat il-petizzjoni ta' l-attriċi fol. 48, li biha talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi riġettata l-l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut nomine; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-meritu tal--kawża jirrigwarda beni li l-lum huma dotali; għaliex, sija jekk wieħed jieħu t-teżi ta' l-attriċi, li dawn kienu beni li għamlet hija bl-industrija tagħha, sija jekk wieħed jieħu t-teżi kuntrarja, li dawn il-beni ġew lilha mogħtija in donazzjoni, jibqa' dejjem li l-lum ġew kostitwiti bħala beni dotali. Infatti, id-dota tista' tkun tant awto-kostitwita kemm mogħtija minn ħadd ieħor (art. 1292 Kap. 23 Ediz. Riv.);

Ikkunsidrat;

Illi dan kien każ li fih id-dota ma ġietx trasferita in proprjetà lir-raġel; għaliex, għalkemm fil-kitba ante-nuzjali hemm l-indikazzjoni tal-valur tad-dota, eppure hu ċar li dan kien biss "taxationis", u mhux "venditionis causa";

għaliex hemm il-parti espress fl-istess kitba illi l-indikazzjoni tal-valur ma għandhiex timporta trasferiment tal-proprjetà lir-raġel (fol. 5 tergo) — Ara art. 1308 Kap. 23. Għalhekk żewġ l-attriċi kien biss l-amministratur tad-dota (art. 1303 ibidem), u użufruttwarju (art. 1304);

Issa, apparti anki d-dispożizzjonijiet dwar l-esperibbilità ta' l-azzjonijiet relattivi għad-dota, kontenuti fl-art. 1303 u 1306(b) tal-Kap. 23 Ediz. Riv., hu fatt li skond l-art. 782(c) tal-Kap. 15 Ediz. Riv., dik il-persuna li ma għandhiex l-amministrazzjoni tal-jeddijiet li fuqhom hemm il-kawża ma tistax tħarrek ħlief fil-persuna ta' dak li skond il-liġi jkollu f'idejh l-amministrazzjoni. U appuntu, fil-każ odjern, l-attriċi ma għandhiex, għas-sens tal-premess, l-amministrazzjoni libera tal-beni dotali li dwarhom hemm din il-kawża. Hi kellha għalhekk tagħmel il-kawża mhux f'isimha, iżda per mezz ta' żewġha bħala amministratur talbeni dotali;

Għandu jingħad li l-inċiż (c) fuq imsemmi ta' l-art. 782 hu distint mill-inċiż (b); għaliex mentri dak l-inċiż ta' l-aħhar jirrigwarda l-każ ta' azzjonijiet propriji tal-mara, l-ieħor jirrigwarda, "inter alia", azzjonijiet li huma dwar beni tal-mara, imma li jispettaw mhux lilha, iżda lill-żewġha bħala amministratur, jew (fil-każijiet kongruwi) kap talakkwisti. Għalhekk ukoll ma jistax jingħad li l-eċċezzjoni tmiss biss lil żewġ l-attriċi u mhux anki lit-terz (ara "Mangion vs. Agius", Appell 1 ta' Ġunju 1928, Vol. XXVII-I-121 u 124);

Hemm anki prinċipju ieħor li jġib għall-konsegwenza li t-terz jista' jissolleva eċċezzjoni simili, u mhux biss ir-raġel; u hu dan: it-terz għandu nteress li jkollu kontradittur leġittimu, biex ma jarax in segwitu s-sentenza impunjata mir-raġel, anki in vija ta' ritrattazzjoni (App. "Cardona vs. Bonnici", 30 ta' Ġunju 1947, Vol. XXXIII-I-195 u 197). Ara wkoll Appell Inferjuri "Pisani vs. Formosa", 13 ta' Settembru 1941, Vol. XXX-I-695, fejn (p. 697) ġiet ċitata, in pari materja, l-awtorita' tal-Borsari;

Jista' anki jiżdied li, għal kemm din hija eċċezzjoni ta' illeġittimità, għaliex hi fit-termini tal-inċiż (c) fuq ċitat, eppure, fil-fatt, tmur aktar l-hemm minn sempliċi eċċez-

zjoni proċedurali, in kwantu li, jekk l-azzjoni tmiss lir-raġel u mhux lill-mara, fil-konfront ta' din hemm karenza ta' azzjoni — raġuni oħra tad-dritt tat-terz li jopponiha;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.